2026/1858

27.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1858

tal-24 ta' Lulju 2026

li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 ([1]), li stabbiliet il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) b'mandat inizjali sat-8 ta' Awwissu 2022.

(2) Fil-21 ta' Ottubru 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2024/2723 ([2]), li estendiet il-mandat tal-EUAM RCA sas-7 ta' Awwissu 2026.

(3) Fis-26 ta' Ġunju 2026, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà rrakkomanda li l-mandat tal-EUAM RCA jiġi estiż bi tliet xhur sas-7 ta' Novembru 2026 biex jippermetti t-tlestija tar-rieżami strateġiku olistiku tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-UE u tal-EUAM RCA fir-Repubblika Ċentru-Afrikana.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 tiġi emendata skont dan.

(5) L-EUAM RCA ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u tista' xxekkel l-ilħuq tal-għanijiet tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA għall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2024 sas-7 ta' Novembru 2026 għandu jkun ta' EUR 23 276 887,05.";

(2) fl-Artikolu 17, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-mandat tal-EUAM RCA għandu jintemm fis-7 ta' Novembru 2026.".

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/2110/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2024/2723 tal-21 ta' Ottubru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L, 2024/2723, 22.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2723/oj).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

T. BYRNE